MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 497/2013

**Sarah Marie Zammit**

**Vs**

**Alamango Bridal Ltd**
**(C30140)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-4 ta' Settembru, 2013 fejn l-attrici tablet li t-Tribunal jordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lura s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), u dan stante merca mibjugha mhux tal-kwalita' patwita.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jista jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Xehdet l-attrici permezz tal-procedura tal-affidavit fejn spjegat kif kienet ordnat il-libsa f' Novembru, 2010. Fill-bidu tas-sena 2012 giet il-libsa u gabritha f'

Settembru, 2012. F’ Settembru, 2012 stess bdiet titkellem mas-Sur Philip Alamango dwar il-fatt illi l-libsa ma kienitx gdida. Il-partijiet waslu fi ftehim illi l-attrici tiehu libsa izda l-istock il-gdid dam biex jasal u wara ntlahaq ftehim illi tinhareg credit note valida ghal tlett snin. Izda din il-credit note baqghet ma harget qatt.

Xehdet permezz ta’ affidavit Theresa Zammit, omm l-attrici, li kkonfermat dak li qalet l-attrici.

Xehdet Janice Fava Briffa li kkonfermat illi rat il-libsa u din ma kienitx gdida. Dan gie kkonfermat wkoll mill-hajjata Rosanne Caruana li xehdet permezz ta’ affidavit.

Xehed Philip Alamango li ta x’jifhem illi hu ha l-libsa lura b’ simpatija u biex izomm il-klijenti kuntenti. Bhala kortezija ha l-libsa lura u kien ser ibiegha bhala *shop soiled*. Fill-fehma tieghu din ma kienitx *shop soiled* ghax ma kellha xejn izda la darba harget mill-hanut ma tibqax gdida. Hu offra lill-attrici biex tihu libsa ohra mill-kollezzjoni l-gdida. Izda li ghogbu lil attrici kienu ghaljin hafna u waslu fi ftehim illi l-attrici tinghata credit note valida ghal tlett snin. Madankollu minhabba li din kellha tiddahhal fis-sistema tal-kumpanija b’ tali mod illi tibqa, damet ma nharget. Fl-interess tal-attrici beda jiccekkja fuq il-VAT claim tibqax valida wara erba snin.

Spjega illi l-prassi tal-hanut hi li meta tingabar libsa din tigi spezzjonata qabel tinhareg. Izda l-attrici tghid illi dan ma sarx u kien infetah biss iz-zip biex jiccekkjaw illi dik kienet il-libsa ordnata.

Wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-verzjoni moghtija mill-attrici hija iktar kredibbli. Huwa iktar verosimili illi s-socjeta’ konvenuta hadet il-libsa lura ghaliex kellha xi haga hazina u mhux ghaliex kien hemm il-lat uman. Li kieku dan kien il-kaz allura ma kienetx titqajjem il-klawzola tal-kuntratt iffirmat mill-attrici. Is-socjeta’ konvenuta rat illi l-libsa kellha xi difett u accettat l-ewwel li tibdel u mbaghad li tinhareg credit note. Il-libsa rawha diversi nies li xehdu illi kienet qadima jew uzata. X’ wassal ghal dan is-socjeta’ konvenuta biss tafu.

It-Tribumal huwa ghalhekk tal-fehma illi l-attrici irnexxiela tipprova l-kaz taghha u ghalhekk it-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500) lill-attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispsejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------